V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta' Jannar 2013 — Csilla Sajtos vs Budapest Főváros VI. Kerület Önkormányzata

**(Kawża C-10/13)**

(2013/C 147/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Fővárosi Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Csilla Sajtos

*Konvenuta:* Budapest Főváros VI. Kerület Önkormányzata

### Domandi preliminari

(1) Fid-dawl tal-Artikolu 6(3) tat-[Trattat tal-Unjoni Ewropea], id-dritt għall-protezzjoni kontra kull tkeċċija mhux iġġustifikata għandu jitqies bħala dritt fundamentali li, inkwantu prinċipju ġenerali, huwa parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea u għandu jiġi applikat bħala regola tad-dritt primarju tal-Unjoni?

(2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv, tali dritt għandu jingħata wkoll lill-uffiċjali?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Nürnberg (il-Ġermanja) fit-22 ta' Jannar 2013 — Petra Würker vs Familienkasse Nürnberg

**(Kawża C-32/13)**

(2013/C 147/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Sozialgericht Nürnberg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Petra Würker

*Konvenuta:* Familienkasse Nürnberg

### Domandi preliminari

(1) L-Artikoli 77 jew 78 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-fatt li persuna tirċievi pensjoni mogħtija għall-edukazzjoni tal-ulied wara l-mewt tal-ex konjuġi ("Erziehungsrente") jagħtiha drittijiet fil-konfront tal-Istat Membru li jħallas din il-pensjoni?

(2) Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ([2]) fl-1 ta' Mejju 2010 wassal għal xi bidliet? L-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li kull tip ta' pensjoni (inkluża l-Erziehungsrente Ġermaniża) tagħti drittijiet?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

([2]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72)

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-28 ta' Jannar 2013 — Andreas Kainz vs Pantherwerke AG

**(Kawża C-45/13)**

(2013/C 147/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof